MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 781/2005

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Maria Azzopardi**

**Vs**

**Alan Xuereb**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm220.83 (mitejn u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu) dovuti ghal danni kkagunati f’incident awtomobilistiku.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-18 ta’ April 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fid-9 ta’ Mejju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------